MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 476/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Magri)**
**(Spt. Daniel Zammit)**
**Vs**
**Jason John Desira**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Jason John Desira (ID no. 32273M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli

1) Fis- 16 ta' Lulju 2008 għall-ħabta tan- 12.30pm ta' wara nofsinhar fi Triq il- Labour, Marsa, bla ordni skont il- Ligi tal- Awtorita' kompetenti, u barra mill- każijiet li fihom il- Liġi tagħti setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Roberto Dimech li huwa xufier ta' coach bin-numru tar- reġistrazzjoni ACY 912 flimkien ma' diversi passiġġieri ta' nazzjonalita' barranija kontra l- volonta' tagħhom;

2) Fl- istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ngħaqad flimkien f' ġemgħa ta' tliet persuni jew aktar jew baqgħu flimkien, għal kull ħsieb li jkun, b' mod tali u taħt ċirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort' oħra li setgħu jġibu twerwir u biza' fost in- nies f' Malta;

3) Fl- istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħa parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm dik il-ġemgħa ta' nies ma kinetx ġiet imxewxa minn ħadd in partikolari li l- istess reat li kien maħsub fil- fatt sar;

4) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ngħaqad flimkien f' ġemgħa ta' tnax- il persuna jew aktar li ngemghu flimkien kontra l- Ligi bi ksur tal- paċi pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita' kompetenti biex jixxerdu kontra l- Ligi, f' numru ta' tnax jew aktar ghal zmien siegha wara li tkun giet maghmula dik it- twissija pubblika;

5) Omissis

6) Omissis

7) Lil Jason John Desira waħdu talli fl- 14 ta' Lulju 2008 għall-ħabta tal-11.30 ta' filgħaxija fix- Xatt ta' Pinto fil-Furjana flimkien ma' persuni oħra mhux magħrufa volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ikkommetta ħsara fuq il-vettura tal-għamla Suzuki Vitara bin- numru tar-reġistrazzjoni KEN 100 għad- dannu ta' Kenneth Debono liema ħsara hija aktar minn elf, mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin centezmu;

8) Lil Jason John Desira waħdu talli fl- 14 ta' Lulju 2008 għall-ħabta tal- 11.30 ta' filgħaxija fix- Xatt ta' Pinto fil-Furjana flimkien ma' persuni oħra mhux magħrufa, bla ordni skont il-Liġi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s- setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill- istess Kenneth

Debono flimkien ma’ passiġġieri oħra kontra l-volonta’ tagħhom;

9) Lil Jason John Desira wahdu talli fl-14 ta’ Lulju 2008 għall- ħabta tal-11.45 ta’ filgħaxija fil-Furjana flimkien ma’ persuna oħra mhux magħrufa ħebb għal Godwin Spiteri u Vincent Cesare sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmillhom hsara;

10) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b’ theddid ġiegħel lil Godwin Spiteri u Vincent Cesare jagħmlu, jħallu jsir jew jonqsu milli jagħmlu xi haġa;

11) Kif ukoll talli Jason Desira waħdu sar reċidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Ottubru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 86, 79, 68(2), 80, 28A u 28B, 49, 50, 339(1)(d), 251, 289 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant mhux hati tar-raba’, tad-disa’ u l-ghaxar imputazzjoni u minnhom lliberatu, iżda hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, s-seba’, t-tmien u tal-hdax imputazzjoni u kkundannatu terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn u sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Jason John Desira minnu pprezentat fid-9 ta’ Novembru, 2010, (fol 296) li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermha f’dik il-parti fejn illiberatu mir-raba’, s-seba’ w it-tmien imputazzjonijiet migjuba kontrih u tirrevokha fil-bqija w konsegwentement tilliberah minn kull ħtija w piena jew, alternattivament, tvarjha in kwantu tikkonċerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li ma hemm assolutament ebda hjiel ta' prova li tista' b'xi mod torbot lill-appellant ma' l-ewwel tliet reati lilu addebitati u jidher car daqs il-kristall li dak li wassal lill-Qorti tal-Magistrati għas-sejbien ta' ħtija kien biss is-sempliċi preżenza tiegħu fi Triq il-Labour fil-Marsa għall-ħabta tan-12.30 p.m. fis-16 ta' Lulju, 2008. Effettivament jingħad bla tlaqliq li ma jirriżulta assolutament xejn iżjed mill-provi akkwiżiti. Ma kienx l-appellant li kkawża l-ostakolu. Mix-xhieda tas-supretentent l-appellant kien l-uniku persuna li baqa' fil-karozza. Barra minn dan f'dawn iċ-ċirkostanzi ma kellux japplika l-artikolu 86 iżda r-regolamenti 74 u 77 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur.

Dwar it-tieni imputazzjoni ma kien ippruvat ebda aġir da parti tal-appellant . Il-preokkuppazzjoni tat-turisti li mhux ser jaslu fil-ħin l-ajruport ma tistax tiġi ekwiparata ma' dak li ried il-leġislatur b'dan ir-reat.

Dwar it-tielet imputazzjoni mirriżultawx l-elementi kostituttivi tiegħu. 'Mere presence without encouragement is not enough to establish criminality.' Ma jirriżultax ukoll it-tielet element ta' dan ir-reat u cioe' il-ħsieb li tiġi miksura l-liġi.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li lanqas ma hemm provi dwar ir-reita' ta' l-esponent fir-rigward tal-ħames (is-sebgħa) u s-sitt (it-tmienja)[1] reati lilu addebitati. B'dawn iż-żewġ reati l-appellant ġie akkużat ta' ħsara volontarja u arrest illegali ta' Kenneth Debono. Ix-xhieda ta' Kenneth Debono 'Jidhirli u nissuspetta' mhix biżżejjed fil-kamp kriminali. L-evidenza ma tissodisfax iċ-ċertezza morali.

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, l-piena erogata mhux biss hija gravement sproporzjonata iżda addirittura

[1] Il-ħames u s-sitt imputazzjoni kienu kontra ċertu Shawn Tabone. L-appellant bidel in-numri għax ħalla iż-żewġ imputazzjonijiet (5 u 6) barra għax dawn ma kellhomx x'jaqsmu mal-appellant.

toħroġ mill-parametri tal-liġi. L-Ewwel Qorti injorat għal kollox dak li jgħid l-artikolu 89 dwar meta persuna tinħeles f'anqas minn 24 siegħa.

Dwar il-ħames imputazzjoni (is-seba' waħda) m'hemmx prova tal-quantum tal-ħsara u għalhekk il-piena massima hiaj dik ta' tliet xhur b'applikazzzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9.

Dwar is-sitt imputazzjoni (it-tmien waħda), japplika l-istess argument dwar dak li jgħid l-artikolu 89 tal-Kap 9.

Jekk il-Qorti jihdrilha li għandha raġun issib ħtija, tali ħtija għandha titpoġġa fil-perspettiva ta' persuna li qed timxi skont direttiva tal-Kooperattiva li tagħha hija membru u fejn l-aġir inkriminat huwa l-pakeġġjar tal-vettura tagħha fejn solitament ma jipparkjawx vetturi u parteċipazzjoni fi protesta flimkien ma diversi persuni oħra. (fol 304).

Fil-każ ta' dan l-appellant hemm dak li seħħ fis-16 ta' Lulju 2008 fi Triq il-Labour, il-Marsa u dak li seħħ fl-14 ta' lulju 2008 fix-Xatt ta' Pinto il-Furjana.

Li l-appellant kien fil-fatt akkużat ma' tliet imputati oħra dwar dak li seħħ fi Triq il-Labour, il-Marsa fis-16 ta' Lulju 2008 waqt protesta organizzata mill-minibuses. Il-qofol ta' dan il-każ huwa li coach misjuq minn Roberto Dimech dam xi għaxar minuti jimmanuvra biex qabad it-triq lejn l-ajruport wara li vann tħalla fin-nofs u mblokka t-triq.

Il-provi li l-appellant kien fuq il-post huma l-istqarrija tiegħu u sketch magħmul mis-sur Raymond Zammit tat-traffic section li jinsab a fol 122. Dan juri erba' karozzi 066, 283, 178 u 004 u l-coach li qed jimmanuvra huwa u ħiereġ minn Triq il-Biċċerija. L-appellant jgħid li l-isketch ma jindikax liema waħda mill-karozzi kienet dik tal-appellant. Fil-fehma tal-Qorti, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li kienet liema kienet il-karozza tal-appellant il-karreġġjata kienet ostakolata għalkemm il-kolpa ewlenija hija ta' min kien qed isuq il-karozza HMY 178 li żgur ma kenitx tal-appellant.

Iżda l-qofol tal-argument huwa l-ewwel imputazzjoni. L-appellant kien akkużat b'sekwestru tal-persuna ai termini tal-artikolu 86 fejn wieħed 'jarresta, jżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' tagħha.'

Skont il-Professur Mamo:

'The words 'arrest', 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: 'Il reato preveduto nell'articolo 86 esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o commina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalment si trasporti da un luogo ad un altro.' (Roberti para 323) The illegal arrest may subsist as an offence although it is not followed by detention or confinement. Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in a place; or be detained in his own house without having been previously arrested; or may be confined in a lonely place, or may, by a fresh act of violence, be confined in a place where he is.' (Notes on Criminal Law part II pages 35 and 36).

L-Antolisei jikkommenta hekk dwar dan ir-reat:

'L'elemento oggettivo consiste nella privazione della liberta' personale, la quale qui va intesa in senso restrttivo, e cioe' come liberta' spaziale o liberta' di muoversi nello spazio (liberta' di locomozione). ......nel sequestro di persona la limitazione concerne tutta la zona della libera locomozione o una determinata serie o specie di movimenti.
......Risponde del reato in esame tanto chi chiude una persona in una stanza, impendendole di uscirne, quanto chi omette di restituire ad un terzo la sua liberta' di movimento, trattendeol indebitamente nel luogo cui e' rinserrato......E' necessario, peraltro, che la perdita della liberta' si protragge per un periodo di tempo di un certo rilievo.........

L'elemento soggettivo consiste nella coscienza e volonta' di privare taluno della sua liberta' personale, senza

averne l’autorizzazzione. Non occorre alcun fine speciale’.

Għal dik li hi ġurisprudenza Maltija fuq dan il-punt il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza ‘Il-Pulizija versus James Demanuele’ tat-2 t’Otturbu 2000 (Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri):

‘Biex ikun hemm ir-reat ta’ arrest illegali kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap 9 irid jirriżulta li l-vittma ġiet imwaqqfa, miżmuma jew meħuda minn post għall-ieħor kontra l-volonta’ tagħha u, s’intendi mingħajr awtorita’ legittima.’ (Volum LXXXIV. IV.paġ 324).

Bħala xhud tal-Prosekuzzjoni xehed l-ispettur Daniel Zammit li spjega li numru ta’ vannijiet kienu għalqu coach tat-turisti fejn ġo fiha kien hemm ix-xufier u għadd ta’ turisti. Lilu kienu għaddewlu lsita ta’ vannijiet li kienu involuti. Roberto Dimech kien qallu li meta ġie biex joħroġ minn side street għal ġewwa Triq il-Labour sab il-vannijiet jostoklawh – erba’ minibus imblukkawlu t-triq u ma setax ikompli. (fol 44)

L-aktar xhur importanti tal-Prosekuzzjoni kien is-sewwieq tal-coach Roberto Dimech li xehed hekk:

‘Kif kont ħiereġ għal ġot-triq, qasamli raġel. Waqaft biex jgħaddi u sadanittant sakkarni vann HMY 178 u ostakolali t-triq. U jiena ma stajt inkompli bil-vjaġġ tiegħi lejn l-ajruport.

Irnexxieli nkompli lejn l-ajruport billi ġew tat-traffic u qalulu biex ireġġa’ lura u għadda kif seta’ minn bejn il-vann u l-bankina.

L-inċident dam bejn ħames minuti u għaxar minuti.

Kien hemm aktar minn għaxra min-nies madwar it-trakk. Ma għamluli xejn iżda daru mat-trakk bħal sakkruh it-trakk. Qagħduli fin-nofs u jien ma stajtx insuq. Ma kienx hemm ħsarat fuq it-trakk. Jiena għalaqt it-tieqa u sakkart

il-bieba biex kemm jista' jkun nevita minħabba s-sigurta' tal-passiġġieri. Għax il-passiġġieri kif raw dawk l-affarijeit bdew iwerżqu u jgħajtu. Beżgħu għax in-nies daru mat-trakk. Ma smajtx għajjat minn barra għax kien moħħi fin-nies qed iwerżqu. It-turisti beżgħu għax kienu avżati qabel ma telqu mil-lukanda li kien hemm strike u li ħa jgħaddu minn toroq biex jevitaw il-protesti. Malli raw in-nies mat-trakk, beżgħu. Ma kienx hemm tisbit mat-trakk. Ma kienx sema' kliem. Dak li qasamli kien qed iċempel u mbagħad qalilhom 'Ejjew, ejjew'. Imbagħad ġew ħafna nies f'daqqa.' (fol 69 et).

Għall-mistoqsija mill-Qorti jekk kienx indika xi vannijiet oħra barra dak li kien ostakolalu t-triq huwa wieġeb li kien indika biss il-mini vann li ostakolalu t-triq. Ma kienx indika mini-vans oħrajn. Huwa ma kienx ħa numri oħrajn ħlief dak tal-minivan li ostakola t-triq tiegħu. (fol 76 – 77).

Xhud ieħor importanti kienet Victoria Camilleri (fol 79) li kienet qed issegwi l-coach minħabba li fil-coach kien hemm il-klijenti tal-kumpanija. Hija xehdet li kien hemm persuna li ġiet f'nofs it-triq u waqqfet il-coach. Il-Pulizija mill-ewwel marru jgħinu. Hija qalet ukoll li ma kienx hemm persuna waħda. Faċċata tat-triq kien hemm ringiela minibuses ħomor. Qasmet persuna biex twaqqaf il-coach, imbagħad ġie kulħadd. (fol 80). Kien hemm karozzi pparkjati f'nofs it-triq. (fol 83). Kieku l-minibus ma ġietx f'nofs it-triq kienu ikun faċli li jibqgħu għaddejjin. (fol 84).

Ix-xhud Victoria Camilleri kienet akkumpanjata minn Petra Gasan (fol 210 et) li xehdet li l-Pulizija bdew ikellmu lix-xufier u bdew iressquhom bil-mod. Il-coach bdiet issuq bil-mod biex tevita minn fejn kien il-minibus. Il-minibus ma ċċalaqx minn fejn kien. Għall-ewwel kien hemm wieħed li mexa quddiem il-coach u imbagħad ġew aktar għax kienu klikka.

Skont ir-riċerka magħmula minn Brian Farrugia (fol 136) il-karozza tal-appellant għandha n-numru tar-reġistrazzjoni GMY 066.

Fl-istqarrija tiegħu (fol 49) l-appellant qal hekk:

'Jien ma kontx involut fl-inċident tal-coach għax jien fil-vann bqajt. Sa fejn naf jien ħadd ma għalaqlu t-triq għalkemm ix-xufiera l-oħra baqgħu quddiemu. Aħna ftehmna li nwaqqfu kull vann jew coach li jgħaddi pero' ħsara ma saritx. Huwa kien ħalla il-minibus wieqaf u pparkjat f'nofs it-triq bħala protesta. Kien waqaf ta' quddiemu u hu waqaf warajh.'

Meta xehed l-appellant qal dan li ġej: (fol 248):

'Jiena kont il-Marsa ma' kulħadd, mal-vannijiet kollha. Jien lanqas inżilt mill-vann. Ma nżiltx minn ġol-vann (fol 249) u ma nafx x'ġara u x'ma ġarax.'

Xehed ukoll **Raymond Zammit** tat-traffic section li dwar l-inċident qal hekk:

'Karozza tat-turisti kienet imwaħħla minħabba li kien hemm diversi minibuses li mblukkaw it-triq. Dawn kienu weqfin biċ-ċavetta mitfija (fol 116) ............Jien ħadt in-numru tal-erba' vetturi (fol 118) ......u l-uniċi erbgħa li bdew jimblukkaw. (fol 119).' U ma' din ix-xhieda ippreżenta sketch (fol 122).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet.**

**L-ewwel Imputazzjoni – Sekwestru tal-persuna.**

Mid-diċitura tal-artikolu 86 tal-Kap 9, jidher li l-leġislatur għamel enfasi fuq is-sekwestru tal-persuna u li l-intenzjoni tkun li tinħataf persuna. F'dan il-każ twaqqaf u kien ostakolat coach imma ma kienx ssekwestrat ix-xufier jew xi ħadd li kien fuq il-coach. Barra dan, isem dan l-appellant bil-ħniena jissemma fil-proċess kolluj u xhud

minnhom, meta tela' jixhed, qal saħansitra li m'għarfux lill-appellant. Il-Qorti mhix teskludi li l-appellant kien qiegħed fuq il-post u li l-vettura tiegħu setgħet kienet ta' ostakolu. Iżda żgur li ma kienx il-protagonista li waddab il-vann fin-nofs li fixkel lis-sewwieq tal-coach. Il-Qorti għasret il-provi kollha bir-reqqa u fittxet l-elementi tar-reat imsemmi aktar 'il fuq fil-provi prodotti. Iżda dawn l-elementi ma rriżultawlhiex. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' din il-parti tal-ewwel aggravju u qed tillibera lill-appellant minn din l-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni – Rewwixta (Artikolu 79)**

**Il-punt legali**

Skont il-Professur Anthony Mamo :

'According to our law that which makes the assembly of three or four persons unlawful is not necessarily the unlawfulness of their purpose in assembly together. Their purpose may have nothing unlawful about it, and yet the assembly will be unlawful if the manner of the persons coming together and the circumstances under which they meet are such as are calculated to cause alarm among the citizens. 'Mere numbers alone, it is true, will not suffice to make an assembly unlawful but they are a circumstance to be considered..' (Kenny)

**It-Tielet Imputazzjoni – Ġemgħa ta' nies kontra l-Liġi (Artikolu 68(2)) (Attruppament)**

L-artikolu 68(2) jgħid hekk:

'Kull min jieħu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħseib li jagħmlu reat, għalkemm dik il-ġemgħa ta' neis ma tkunx ġiet imxewxa minn ħadd in partikulari, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur jew il-multa.'

Skont il-Professur Mamo 'Notes on Criminal Law' (Part II):

'The elements of this crime are:

i. The taking of an active part in an assembly;
ii. Formed of ten or more persons;
iii. with the object of committing an offence.

For a conviction of this crime it is essential that the defendant should be proved to have taken an active part in the assembly by word, deed, or conduct. Merely to join for a while out of curiosity is not enough. But if an active part is taken, whether from the ebginning or at any subsequent stage, so long as the gathering lasts, the crime is complete if the gathering is of ten or more persons and its purpose is the commission fo the offence. 'Il delitto si consuma pel solo fatto di formar parte dell'attruppamento allorche' questo revela come tale. Non si richiedono ne convenzioni prestabilite, ne consensi espressi, ne ordine di gerarchia o di disciplina fra gli attruppati. Come dimostrano le parole della legge – ancorche' l'attruppamento non sia stato da alcumo in particolare suscitato – una riunione anche fortuita di dieci persone almeno, collo scopo di commettere un reato, delitto o contravvenzione che sia, e' un attruppamento punibile.' (Criminal Appeal: Police vs Carmelo Saliba
25.06.02 – Law Reports, Volume XVIII Part IV page 39; Criminal Appeal 'Police vs Rocco Zammit et' 24.04.11; Criminal Appeal 'Police vs Giovanni Debattista et' (20.09.12; Criminal Appeal Police vs Bigeni 17.3.1945). In Police vs Bigeni, the Court held that if a person is physically forming part of such an unlawful assembly in suspicious circumstances, the onus wieghs heavy upon him of giving a satisfactory explanation of why he was present in those circumstances.'

Skont deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri mogħtija fis-27 ta' Settembru, 1985 'Il-Pulizija versus Paul Mifsud et' (paġina 652 et):

'Il medesimo fatto jista' jwassal kemm għar-reat ta' attruppament kif ukoll għar-reat ta' rewwixta.

Il-kiriterju determinanti li jiddistingwu dawn iż-żewġ reati hu l-potenzjalita' ta' twerwir u biża' fost in-nies.'

**Applikazzjoni tal-Liġi għall-fatti.**

L-abbli difensur tal-appellant jissottometti dawn il-punti:

(a) il-preokuppazzjoni tat-turisti li ma jaslux fil-ħin m'għandhiex tiġi ekwiparata ma' dak li ried il-leġislatur;

(b) jibqa' misteru kif il-preżenza tal-appelalnt fuq il-post mingħajr ebda prova ta' aġir speċifiku da parti tiegħu jista' jwassal għar-reat ta' rewwixta;

(ċ) għal dak kollu li jaqa' taħt l-artikolu 68(2) 'But mere presence without encouragement is not enough to establish criminality.'

Il-Qorti ma taqbilx ma dak li jingħad dwar il-biża' li ħassew it-turisti. Hawn il-Qorti qed toqgħod fuq dak li xehed ix-xufier tal-coach huwa u jiddeskrivi r-reazzjoni tal-klijenti tiegħu meta l-coach ddawwar minn għadd ta' nies. Biss il-provi vis a vis l-appellant huma wisq limitati biex tikkonkludi li dan resaq lejn il-coach tat-turisti. Dan id-dubju għandu jmur favur l-appellant u għalhekk il-Qorti qed tilqa' din il-parti tal-appell dwar it-tieni imputazzjoni u l-Qorti **sejra tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni wkoll.**

Dwar it-tielet imputazzjoni (attruppament) jirriżulta li l-appellant kien ħalla l-vann mitfi u kien qed jostokala l-karreġġjata. Dan il-fatt jissodifa l-element ta' attivita'. Jirriżulta wkoll li n-numru ta' nies kien ta' għaxra jew aktar. Fl-aħħarnett li għall-fini tar-regolament numru 74 tal-Motor Vehicle Regulations, ma tistax titħalla karozza f'pożizzjoni li tkun 'obstruction to other persons using the road.' Skont il-każistika kkowtata aktar 'il fuq din id-dispożizzjoni tal-liġi 68(2) tgħodd ukoll għall-kontravenzjonijiet. L-element tal-intenzjoni jirriżulta b'mod ċar kemm mill-azzjoni kif ukoll minn dak li qal l-appellant fl-istqarrija tiegħu stess (Aħna ftehmna li nwaqqfu kull vann jew coach – fol 50). Jirriżulta b'mod l-aktar ċar li l-appellant kien qed jostakola l-karreġġjata flimkien ma' oħrajn.

Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-appellant huwa ħati tat-tielet imputazzjoni u għalhekk mhix tilqa' din il-parti tal-aggravju.

**Imputazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ġrajjiet li seħħu fl-14 ta' Lulju 2008**

L-imputazzjonijiet 7 sa 11 għandhom x'jaqsmu ma sett differenti ta' ġrajjiet li seħħew fl-14 ta' Lulju 2008. L-Ewwel Qorti illiberat lill-appellant mill-imputazzjonijiet numru 9 u 10 u sabitu ħati tal-imputazzjonijiet 7, 8 u 11 (ir-reċidiva).

Ix-xhieda li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-ġrajjiet huma dawn li ġejjin:

(a) Kenneth Debono. Dan xehed li kien niżel il-Port biex jiġbor it-turisti li kellu jikkalmhom. Daru miegħu ħafna persuni jipprotestaw. Huwa kellu l-vettura Susuki Grand Vitara u l-protestanti bdew isabbtu fuq il-karozza. Sadanittant ħareġ passiġġier minn ġot-taxi 637 u beda jissara miegħu biex jeħodlu ċ-ċavetta. Dan ħadlu ċ-ċavetta u imbagħad tahielu lura meta waslet karozza bil-pulizija fuq il-post. Imbagħad ġew żewġ vannijiet ħomor li wieħed għalaq it-triq minn wara u għalhekk safa maqbud bejn il-main gate u l-mini van ta' warajh. Bdew jagħtu daqqiet ta' sieq u ta' ponn fuq il-karozza. Wieħed minnhom beda jgħidilhom 'Ejja naqilbuh.' Wieħed minnhom kisser il-mera. Il-passiġġieri kienu wrerwrin. Kien hemm marka ta' żarbun fuq il-karozza. Il-ħsara kienet bejn Lm1500 u Lm2000. (fol 90). Huwa għaraf lil Jason John Desira bħala wieħed mill-persuni madwar il-karozza. Hawn ix-xhud qal:

'Jidhirli li qed nagħrfu meta kien, l-istess persuna li beda jgħid u beda sejjer 'Ejja naqilbuh'. U nissuspetta li kien l-istess persuna li ta daqqa ta' sieq u daqqa ta' ponn għax kien l-aktar wieħed qrib tal-karozza dak il-ħin.'

**(b) L-Ispettur James Grech (fol 129). Dan xehed li Jason John Desira qabad il-ġebel mill-art u beda**

**jwaddab fid-direzzjoni tal-vann. Ix-xufiera tal-minibuses lemħu wkoll Suzuki Vitara li kellha n-nies fiha. Daru miegħu u kienu 'l fuq minn 20 ruħ. Kien hemm nies li bdew jagħtu fuq il-bonnet tal-karozza. Fost dawn in-nies kien hemm Jason John Desira. Huwa ra lil Jason John Desira jagħmel il-ħsara. (fol 131).**

(ċ) PS 1314 Raymond Abrogio xehed li kien irċieva telefonata għall-għajnuna mill-Excelsior Hotel għall-ħabta tal-11.00pm.

(d) Sentenza fil-konfront ta' Jason John Desira (fol 177) tal-25 t'April 2005 (kundanna għall-ħlas ta' multa).

(e) L-Ispettur Anthony Portelli xehed li ntalbet assistenza nhar l-14 ta' Lulju 2008 minħabba li kien allegat li xi nies ma kinux qed iħallu lill-ħaddiema jitilqu u jiritornaw id-dar bil-minibuses. Imbagħad kienu solvew il-problema u l-ħaddiema tħallew jitilqu.

(f) L-Ispettur Daniel Zammit in kontro-eżami xehed li l-footprint li kien hemm fuq il-karozza kienet simili għal żarbun li kellu wieħed mill-persuni li attakkaw il-karozza iżda ma kinitx tajba għall-comparison. Ma kien sar ebda eżami forensiku. (fol 235).

(g) L-appellant innifsu a fol 247. Dwar l-inċident tal-Marsa huwa qal li kien il-Marsa ma' kulħadd u huwa ma kienx niżel mill-vann. Fuq l-inċident l-ieħor huwa qal li kien sar jaf li kienhemm vann ħdejn l-Excelsior. Huma marru jkellmu lil dan l-sitrikebreaker u m'għamlu ħsara xejn. Huwa nnega li kien għamel xi ħsara fl-inċident tal-Viset. Biss kien il-Viset għal xi ħdax u kwart. Meta saret il-ħsara fuq il-karozza huwa fil-fatt kien ħdejn l-Excelsior. Mistoqsi mill-Qorti: 'Jiġifieri inti fl-ebda ħin ma tajt daqqa t'a sieq lil din is-Suzuki Sumari u kissirtlu l-bieba.' Huwa wieġeb: 'Ma naħsibx li stajt nagħmel dawk l-affarijiet.'

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar is-seba', it-tmien u l-ħdax l-imputazzjoni**

Id-difiża ssottomettiet li x–xhieda ta' Kenneth Debono mhux ta' min joqgħod fuqha u għalhekk m'hemmx prova tas-seba' imputazzjoni. Bir-rispett kollu, kif xehed Kenneth Debono pjuttost wera kawtela kbira huwa u jixhed iżda ma jħalli ebda dubju li kien l-imputat li għamel il-ħsara lill-karozza. Jekk il-Qorti teskludi l-footprint, jibqa' x-xhieda tal-Ispettur James Grech li ra lil dan l-appellant iwaddab il-ġebel u jagħmel il-ħsara. Il-Qorti hawn ma tara ebda raġuni għala għandha tiddisturba l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti u għalhekk qed issib lill-appellant ħati **tas-seba' imputazzjoni** u tikkonferma l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti. Il-Qorti mhix impressjonata biċ-ċaħda tal-appellant jew li għax kien ħdejn l-Excelsior ma kienx ħdejn il-Viset għax fiċ-ċitazzjoni hemm indikata differenza ta' kwarta fil-ħin. M'hemmx bogħod bejn il-Viset u l-Excelsior – distanza li taqtagħha fi kwarta wkoll bil-mixi. Hemm ukoll indikat l-ammont tal-ħsara involuta a fol 90. Din mhux bil-fors trid tkun imsaħħa b'irċevuta biex tkun ippruvata. Il-kredibilita' tax-xhud, f'dan il-każ, hija biżżejjed għall-Qorti biex isservi ta' bażi bħala prova.

M'hemmx bażi għas-sottomissjoni tad-difiża li għandha bilfors tingħażel l-aktar figura baxxa. **Jekk numru ta' nies flimkien, f'azzjoni magħmula unico contextu, u fejn allura l-persuni huma kompliċi, jagħmlu ħsara, kull wieħed minn dawn il-persuni hu responsabbli għal dik il-ħsara fit-totalita' tagħha**.

Iżda l-Qorti ser tieħu lanqas figura indikata u tqis figura aktar baxxa minn din peress li l-figura mogħtija hija waħda approssimattiva u mhux eżatta. Għalhekk ser tieħu dan kollu in konsiderazzjoni hija u tapplika l-piena skont l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9.

Dwar **it-tmien imputazzjoni** jirriżulta mix-xhieda tal-ispettur James Grech li l-appellant Jason John Desira kien preżenti ħdejn il-karozza Suzuki Vitara. Iżda l-Qorti ma hix moralment konvinta li kien l-appellant li ssekwestra lil

Kenneth Debono u għalhekk qed tilliberah mit-tmien imputazzjoni.

**Il-ħdax l-imputazzjoni** hija kkonfermata bil-preżentazzjoni ta' sentenza ta' multa li minnha ma kinux għaddew ħames snin għax ingħatat fis-sena 2005 waqt li l-inċident seħħ fis-sena 2008. Għalhekk il-Qorti qed tikkonferma id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar dan l-addebitu tar-reċidiva.

Ma' dak li kollu li ntqal fil-paragrafi preċedenti, il-Qorti qed iżżid din l-osservazzjoni. L-ebda protesta jew strajk ma jagħti xi dritt li xi ħadd jikkawża dannu lill-projeta' jew li b'xi mod ieħor jikser il-liġi kriminali. Jacobs, White and Ovey jirreferu għal każ deċiż mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

*'Obstructive direct action always runs the risk of involving some unlawful activity on the part of the protesters. This can be illustrated by the facts of the Drieman case.*
*The applicants were members of Greenpeace who had been prosecuted and convicted for activities in the Norwegian exclusive economic zone designed to sirupt whaling. They complained that this constituted a breach of articles 10 and 11. The Strasbourg Court did not consider it necessary to determine whether the amtters complained of fell within Article 10 or Article 11. The complaints were inadmissible. The applicants had been able to protest in general for a period of around one month about the resumption of whaling in Norwegian watrers, whereas the convictions related to two specific incidents ofconduct which breached Norwegian law; that conduct – seeking to block whaling vessels with manoeuvres with zodiac dinghies – constituted ' a form of coercion forcing the whalers to abandon their lawful activity.' (Drieman versus Norway App.33678/96. Decision 4th May 2000). (The European Convention on Human Rights – Jacobs, White and Ovey pages 457 – 458).*

**Konklużjoni**

Din is-sentenza qed tingħata fil-konfront tal-appellant **Jason John Desira** biss. Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-28 t'Ottubru 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Vincent Spiteri, Jason John Desira, Aaron Charles Zahra u Shawn Tabone' billi tikkonfermha fejn l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellant mir-raba', id-disa' u l-għaxar imputazzjoni u sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni, tas-seba' imputazzjoni u tal-ħdax l-imputazzjoni u tirriformha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabitu ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u tat-tmien imputazzjoni u kkundannatu għal terminu ta' priġunerija ta' sentejn u sitt xhur u minflok qed tilliberah mill-ewwel, mit-tieni u mit-tmien imputazzjoni u minflok il-piena ta' priġunerija ta' sentejn u sitt xhur, qed tikkundannah għall-priġunerija ta' tmien xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €600.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------